MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 214/2005/1

**George Hili**

**v.**

**Avukat Generali tar-Repubblika ghan-nom tal-Gvern Malti, l-Onorevoli Prim Ministru u t-Tabib Ewlieni tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezenta l-attur fl-1 ta’ Marzu 2005, li taqra hekk:

"Peress li l-attur ilu jaghti s-servizz tieghu ta' Acting Supervisor fl-Isptar San Luqa mis-sena 1992 minghajr jithallas ta' Supervisor;

"Peress li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, fil-Kaz Numru 1102/97, iddecieda li giet kommessa ingustizzja mal-attur meta ma nhatarx Supervisor fl-4 ta' Jannar 1994, u qata' li l-attur kellu jinhatar Supervisor retroattivament minn dik id-data u jithallas id-differenza fis-salarju li huwa tilef matul il-perjodu kollu;

"U peress li l-attur la nhatar Supervisor u lanqas thallas id-differenza fis-salarju li huwa bata; u ghalhekk l-attur sofra ingustizzja u dannu konsiderevoli li taghhom il-konvenuti huma responsabbli;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li l-attur huwa intitolat li jithallas salarju ta' Supervisor t'effett mill-4 ta' Jannar 1994, mehudin in konsiderazzjoni d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fil-Kaz Numru 1102/97 u l-fatt li l-attur ghamel regolarment u minghajr interruzzjoni ix-xoghol ta' Supervisor matul il-perjodu kollu msemmi, u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur id-differenza bejn is-salarju li huwa thallas u s-salarju ta' Supervisor ghal zmien mill-4 ta' Jannar 1994 sal-gurnata tas-sentenza, u li huwa jithallas is-salarju ta' Supervisor mill-gurnata tas-sentenza sakemm jibqa' jesplika l-mansjonijiet ta' *Supervisor*.

"Bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv; u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2005, kontra l-konvenuti, li huma ingunti ghas-subizjoni."

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur illi bhala talbiet ghal hatra fis-servizz pubbliku u ghal hlas ghal kariga fis-servizz pubbliku jaqghu fil-mansjonijiet Kostituzzjonali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux tal-Qrati.

“2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-Avukat Generali m’huwiex legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri stante illi huwa la kien parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u lanqas ma jissusistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 181B tal-Kap. 12 li jaghtu lok ghar-rapprezentanza tal-Gvern mill-Avukat Generali.

“3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m’huwiex korrett dak insinwat mill-attur fis-sens illi huwa jaghmel xoghol li m’huwiex inkwadrabbli fil-*job description* tal-kariga tieghu u lanqas ma huwa korrett illi jinghad illi saret xi rregolarita` meta huwa ma kienx gie maghzul biex jinhatar *supervisor*.

“4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ma ghandu ebda dritt illi jithallas minghand il-Gvern paga oghla minn dik tal-grad li fih huwa impjegat u illi d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji huma fi kwalunkwe kaz biss rakkomandazzjonijiet lill-Gvern u mhumiex enforzabbli tramite process civili.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Marzu 2009 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“1. tgħid illi l-attur għandu jedd għas-salarju ta’ *supervisor* b’seħħ mill-4 ta’ Jannar 1994;

“2. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ tmint elef, mija u erbgħa u tletin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€8,134.89), li hija d-differenza bejn is-salarju li tħallas u dak ta’ *supervisor* għaż-żmien relevanti; u

“3. tikkundanna lill-konvenut ikompli jħallas lill-attur is-salarju ta’ *supervisor* millum sakemm jibqa’ jaqdi d-dmirijiet ta’ *supervisor*.

"Tikkundanna lill-konvenut iħallas ukoll l-imgħaxijiet relativi minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju sa meta jsir il-ħlas. L-ispejjeż – ħlief dawk tal-Prim'Ministru u tal-Avukat Ġenerali, li għandu jħallashom l-attur – għandu jħallashom il-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni illi l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu.

"Huwa l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid min għandu jħarrek u jkun imħarrek f'isem il-Gvern ta' Malta:

" **181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

**…** … …

" (2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

"Fil-każ tallum il-kwistjoni hija dwar xi ħlas jistħoqqlu l-attur għal xogħol li jagħmel fl-isptar, li jaqa' taħt id-Dipartiment tas-Saħħa li l-Kap tiegħu huwa t-Tabib Ewlieni tal-Gvern. Ladarba l-kawża hija waħda minn dawk li "jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed … … … mill-kapijiet tad-dipartimenti … … … tal-Gvern", ma huwiex l-Avukat Ġenerali li jidher f'isem il-gvern. Ukoll, ladarba l-gvern qiegħed jidher għalih il-kap tad-dipartiment interessat, lanqas ma huwa meħtieġ li jkun imħarrek il-Prim'Ministru. Huwa biżżejjed li jkun imħarrek it-Tabib Ewlieni tal-Gvern f'isem il-Gvern ta' Malta.

"Għal dawn ir-raġunijiet kemm l-Avukat Ġenerali u kemm il-Prim'Ministru kienu mħarrkin ħażin, u l-qorti għalhekk

teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.

"Il-kwistjoni quddiem din il-qorti ma hijiex jekk l-attur jistħoqqlux jinħatar *supervisor* iżda jekk effettivament għamilx xogħol li ma huwiex xogħol tal-grad tiegħu iżda xogħol ta' *supervisor*.

"L-attur wera ittra tas-27 ta' Ġunju 2000 mill-assistent direttur tal-Isptar San Luqa[1] li tgħid illi l-attur "has been doing duties of Acting Supervisor at the Porters' Lodge of the Emergency and Admitting Department of this hospital since 1992". Jidher ukoll illi l-attur kien jaqdi dawk id-dmirijiet mhux biss formalment iżda wkoll materjalment, għax l-istess ittra tkompli tgħid illi l-attur "is very reliable and hard working". Wera ittra oħra, mill-uffiċjal responsabbli għas-salarji, bid-data tal-1 ta' Lulju 2004[2], li tgħid illi l-attur ilu "for the last 14 years … … … performing duties of Acting Supervisor at the Porters' Lodge".

"Għalkemm il-konvenut, fin-nota tat-30 t'Ottubru 2006[3], igħid illi "x-xogħol li qed jagħmel [l-attur] huwa fil-grad tiegħu", madankollu ma ressaq ebda prova dwar dan, jew xi prova oħra biex twaqqa' dak li juru l-ittri msemmija fuq, li, wara kollox, huma dokumenti maħruġa minn uffiċjali tal-gvern stess.

"Il-qorti għalhekk temmen illi tassew illi l-attur għamel xogħol ta' *supervisor*, għall-inqas mill-4 ta' Jannar 1994.

"Billi kull xogħol ħaqqu ħlasu, l-attur għandu jitħallas tax-xogħol li effettivament għamel.

"L-attur ippreżenta prospett[4] li juri li d-differenza bejn il-paga li kien jingħata hu u dik li tingħata għax-xogħol li kien jagħmel hija, b'kollox, ta' tlitt elef, erba' mija u tnejn u

---

[1] *Fol.* 14.
[2] *Fol.* 57.
[3] *Fol.* 65.
[4] *Foll.* 46 *et seqq.*

disgħin lira u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm3,492.31) – daqs tmint elef, mija u erbgħa u tletin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€8,134.89); ma ippreżenta ebda prospett aġġornat. Għalkemm, b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2006[5], il-qorti stiednet lill-konvenut igħid jikkontestax il-*quantum* pretiż mill-attur, ma seret ebda kontestazzjoni u l-qorti għalhekk sejra toqgħod fuq il-prospett tal-attur."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…tvarja s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2009, fl-ismijiet **George Hili kontra l-Avukat Generali et** billi tbiddel l-ammont ta' salarju globali li l-appellanti haqqu jinghata skont kif suespress u tikkonferma l-bqija tas-sentenza."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li, fl-ewwel lok, l-appell tal-attur jigi michud, u fit-tieni lok, li din il-Qorti toghgobha:

"…tilqa' l-appell incidentali taghhom u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Jannar 2008 u joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' Marzu 2009 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Prim Ministru u tal-Avukat Generali u helsithom mill-harsien tal-gudizzju u billi thassaraha u tirrevokaha fil-kumplament taghha. U joghgobha minflok tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."

Rat ir-risposta tal-attur ghall-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex l-appell incidentali jigi respint kompletament bl-ispejjez kontra l-istess appellanti incidentalment;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

---

5 *Fol*. 55.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur, li kien jahdem fl-isptar ta' San Luqa gewwa Gwardamangia jallega li mill-1992 kien jahdem bhala *acting supervisor*, grad oghla minn dak li formalment kien impjegat fih, pero`, qatt ma inghata promozzjoni ghal grad ta' *supervisor* u lanqas thallas ghax-xoghol li ghamel f'dak il-grad. Hu talab li jithallas id-differenza bejn il-paga li rcieva u dik ta' *supervisor* b'sehh mill-4 ta' Jannar 1994.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, qablet mal-attur li hu, fil-fatt kien jaghmel xoghol ta' *supervisor* u ordnat li jinghata s-somma ta' €8,134.89 bhala kumpens.

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet. L-attur talab ir-riforma tas-sentenza fejn qed jitlob awment fis-somma dovuta lilu; hu, fil-fatt, qed jirreklama s-somma ta' €17,497.65. Il-konvenuti, min-naha l-ohra, ressqu appell incidentali u qed jitolbu r-revoka tas-sentenza fejn din sabet favur l-attur u dan peress li ma saritx prova li l-attur kien, fil-fatt, jaqdi dmirijiet ta' *supervisor*, u anke ghaliex, ma huwiex fil-kompitu tal-Qorti li taghti promozzjoni lill-attur.

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel l-appell incidentali tal-konvenuti, peress li jekk dan jintlaqa', it-talba tal-attur ikollha tigi michuda bir-rizultat li ma jkollu dritt ghal ebda kumpens.
Trattat dan l-aggravju, din il-Qorti ma taqbilx li t-talba tal-attur hija ekwivalenti ghal talba ghal promozzjoni. L-attur mhux qed jitlob dan, imma qed jitlob li jithallas ghax-xoghol li ghamel, u biex taghmel dan ma hemmx htiega li, fl-istess hin, titlob il-promozzjoni ghal grad superjuri. Il-principju hu li *ommia labor optat praemium* u persuna ghandha tithallas ghax-xoghol li wettqet, l-istess bhal persuna ohra li l-kompitu taghha tkun li twettaq dak l-istess xoghol. Il-principju *'equal pay for equal work'* mhux biss xi massima sabiha li qieghda hemm ghad-deher, izda hija operabbli fil-prattika u jekk persuna, ghalkemm ghandha grad inferjuri, fil-verita` u b'mod regolari, twettaq

xoghol appartenenti lill-grad superjuri, hi trid tithallas ghal dak ix-xoghol.

Il-kuncett ta' *equal treatment* huwa wiehed fundamentali anke fl-Unjoni Ewropeja, fejn il-Qorti tal-Gustizzja ripetutament tinsisti fuq flessibilta` fl-applikazzjoni ta' dan il-principju li jolqot mhux biss diskriminazzjoni diretta msejjsa fuq is-sess tal-haddiem, imma anke differenzi per ezempju bejn hlas ghall-istess xoghol imwettaq minn impjegat fuq bazi *full time* u impjegat fuq bazi *part time*.

Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Pavia v. Mediterranean Aviation Co. Ltd**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2010, kienet dahlet biex tezamina dan il-kuncett ta' *equal pay for equal work* u osservat li l-qrati domestici ghandhom id-dover li jipprotegu lill-haddiema minn kull forma ta' diskriminazzjoni, partikolarment *"where men and women receive unequal pay for equal work which is carried out in the same establishment or service, whether private or public"*. F'dan il-kaz, l-attur kien qed jaghmel xoghol ta' *supervisor*, u dan ghal snin twal, u irid jinghata retribuzzjoni gusta komparabbli ma' dak id-dhul ta' min ikollu dak il-grad.

Fuq kollox l-attur, f'dan il-kaz, kien iwettaq dan ix-xoghol bil-kunsens tas-superjuri tieghu li f'ebda mument ma lmentaw mix-xoghol li kien qed jaghmel jew ipprovdew ghas-sostituzzjoni tieghu.

Il-prova li l-attur effettivament wettaq xoghol ta' *supervisor* jirrizulta mhux biss mix-xhieda li nstemghat, izda minn ittri li nhargu minn ufficjali li jahdmu fid-dipartiment tas-sahha. Il-veracita` ta' dawn l-ittri ma gietx kontestata, u la darba dawn l-ittri nhargu minn ufficjali tal-istess konvenuti (Assistent Direttur u Ufficjal inkarigat mis-salarji) lanqas hemm bzonn li jigu kkonfermati bil-gurament, ghax kull dokument mahrug minn konvenut li fiha juri li qed jaqbel mat-tezi tal-attur huwa ammissibbli mil-ligi (ara Artikolu 632(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili). Dawn id-dokumenti jikkonfermaw li l-attur kien ilu tal-anqas 14-il sena jaghmel xoghol ta' *supervisor*. Barra minn dan, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzi,

quddiem min l-attur ressaq l-ilment tieghu ghall-ewwel darba, irrikonoxxa li l-attur ghamel xoghol ta' *supervisor*, tant li ddikjara li kienet saret ingustizzja mieghu meta ma nghatax promozzjoni ghal dak il-grad fl-4 ta' Jannar 1994.

L-aggravju tal-konvenuti appellanti qieghed ghalhekk jigi michud.

Trattat issa l-appell principali tal-attur, marbut mal-quantum tal-kumpens, din il-Qorti tara li l-attur ghandu ragun. L-ewwel Qorti qaghdet fuq prospett li ressaq l-attur li ma giex kontestat mill-konvenuti, avvolja dawn inghataw l-opportunita` jaghmlu dan. L-ewwel Qorti qalet li, a bazi ta' dan il-prospett, id-differenza fil-paga hija ta' €8,134.89. Jidher, pero`, li l-ewwel Qorti bi zball ma qiesetx il-prospett kollu, izda biss parti minnu, ghax mill-prospett jirrizulta li d-differenza fid-dhul tieghu ghas-snin indikati fil-prospett hija ta' €17,497.65, li huwa t-total ta':

(a) Lm3,174.36 ekwivalenti ghal €7,394.27 (differenza fil-paga bazika a fol. 49 kolonna fuq ix-xellug),

(b) Lm451.31 ekwivalenti ghal €1,051.27 (differenza fl-*allowances* a fol. 49 kolonna fuq il-lemin),

(c) Lm393.76 ekwivalenti ghal €917.21 (differenza fil-beneficcji tal-festi a fol. 47),

(d) Lm3,492.31 ekwivalenti ghal €8,134.89 (differenza fis-sahra a fol. 50 *et seq)*.

Huwa vera li l-attur talab biss li jithallas id-differenza fis-salarju, pero`, hu car li dak li qed jitlob l-attur huwa li jinghata d-differenza bejn dak li dahhal u dak li kien idahhal b'kollox kieku inghata l-promozzjoni li kellu jinghata. Is-sahra u beneficcji ohra huma parti mis-salarju, u l-attur hu wkoll intitolat ghal hlas taghhom. Anke taht l-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta), il-kelma "paga" tfisser renumerazzjoni jew qliegh li jithallsu minn principal lill-impjegat, tifsira wiesgha li tkopri, tista' tghid, id-dhul kollu tal-impjegat.

L-attur, b'dan l-appell, mhux qed jipprova jaggorna l-prospett, kif qed jissottomettu l-konvenuti, izda qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-istess prospett li tressaq ghal konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti, b'dan li qed jippreciza l-ammonti li hu qed jitlob. Lanqas ma hu jitlob paga doppja, izda biss id-differenza f'dak li kien jircievi ghal dak li kien intitolat ghalih.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-attur billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha hlief ghad-decide tat-tieni talba li ghandha tigi varjata biss fis-sens li l-ammont li l-konvenut ikkundannat ghandu jhallas lill-attur ghandu jkun ta' €17,497.65 u mhux ta' €8,134.89 kif ordnat l-ewwel Qorti; ghall-bqija s-sentenza tal-ewwel Qorti hi konfermata.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjez kollha tal-appell, kemm dawk marbuta ma' l-appell principali tal-attur, u dawk marbuta mal-appell incidentali tal-konvenuti, ghandhom jithallsu mit-tliet konvenuti appellanti incidentalment *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------